# Stedina[*]

*Mikiel Anton Vassalli*

Tiftħu ktieb, u ma tistgħux taqrawh, għax ma tgħallimtux il-qari, taraw u tħossu illi bħallikieku jisgħob bikom. Jekk imbagħad taqrawh u ma tifhmuhx, u lanqas tafu tfissruh, billi jkun miktub bi lsien barrani, nistħajjel illi jkollkom aktar sogħba. Iżda jekk tafu taqrawh, u tifhmu minnu xi ftit, u jekk ma tafux tfissruh, u xi ħwejjeġ tifhmuhom ħaġa b'oħra, jew bil-maqlub, għiduli: x'għoqla kbira ma tiġikomx? U kemm hemm fostna minn dawn it-talin, li l-ftit li jaqraw ma jifhmuhx tajjeb, u jħabblilhom moħħhom, u b'hekk iqarrqu bihom infushom, u b'oħrajn bħalhom bla ma jridu? U mniex jiġi dan kollu? Għajr milli f'dina l-art tagħna qatt ma ħasbu għalina, u anqas ħsibna aħna ta' rġiel tal-għaqal, bħalma ħasbet in-nies tad-dinja kollha, fl-artijiet ta' barra, sewwa kbar, sewwa żgħar. Aħna mmela jmissna, u għandna nafu naqraw u niktbu bi lsienna, bħalma jafu huma ma' kullimkien: ladarba din hi ħaġa li tinħtieġ u jafuha sa fix-xgħajjar[1] ta' Barbarija, il-Għarab u l-Bidwin. Għaliex min-nuqqas tal-qari u l-kitba bejnietna jiġi, illi aħna biss, fost in-nies ta' kullimkien, bqajna bosta wara fit-tagħlim, u fil-ħwejjeġ tal-għerf; illi rjusna mtlew bil-ħrejjef, u baqgħu mimlijin bil-frugħijiet;[2] illi wisq minna nitkellmu u ma nafux xi ngħidu, nitħaddtu u ma niftehmux: u għalhekk bosta wħud jinsabu mħabblin dejjem f'għemilhom, u għal kull xejn jitbagħdu ma' xulxin.[3]

Il-bniedem li ma jafx jaqra u jikteb bi lsienu ma jistax iwieżen lilu nnifsu, xogħlu dejjem imħabbel, u huwa dejjem imħabbat u ħosbien, ma jafx x'jagħmel, la fejn imidd idejh l-

[*] Vassalli kiteb din it-taħdita ftit snin qabel ma miet, madwar l-1827. Dehret ippubblikata l-ewwel darba fil-ktejjeb ta' G.P. Badger *A Letter on the Eligibility of the Maltese Dialect as a Written Medium of Instruction in the Government Primary Schools addressed to His Excellency Sir H.F. Bouverie* (Malta, 1841), 12-16.

In-noti f'qiegħ il-paġna huma tal-Prof. Manwel Mifsud.

[1] **xgħajjar** (pl. ta' *xagħra*), deżerti
[2] **frugħijiet**, frugħat
[3] **jitbagħdu ma' xulxin** (VI *b-għ-d*), jinbagħdu bejniethom

ewwel; għax billi ma jiktibx, meta jinsa, ma għandux xi jfakkru. Ġie waqt[4] għandu l-miktub fuq ħwejjeġ ta' daru, u jeħtieġlu jaqrahom minn ħaddieħor, biex jagħraf xi nkitiblu, u kemm-il darba jiġri illi jaqrawlu u ma jfissrulux sewwa, u jkollu jmur jiġġiera[5] u jibqa' ma jafx kif inhuma. F'kelma waħda, il-bniedem li ma jiktibx, għallanqas bi lsienu, hu agħma u mxebbah lil bhima, u l-oħrajn jistgħu jmexxuh u jsuquh kif iridu u jogħġobhom.

Illum id-dinja fetħet għajnejha u għaddiet 'il quddiem bil-qari u l-kitba li ngħaraf ma' kullimkien, u għalhekk tbiddlet wisq milli kienet mijiet ta' snin ilu. Immela l-bniedem li ma jafx jaqra u jikteb jista' jgħid illi ma hu xejn fid-dinja, illi hu l-lsir tiegħu nnifsu u tal-oħrajn, illi kull fejn imur ma jiswa xejn, u jgħaddi b'miskin u b'żewwiel,[6] u malli[7] ħadd ma jħares lejh, wisq uħud jidħku bih. Għaliex fiż-żmien li aħna fih, in-nies ħjienet bosta wisq milli dari, u hemm min ifittex iqarraq b'min hu bla ħila u għajnejh magħluqa. U filli[8] dak li ma jafx jaqra u jikteb huwa bla dawl, dana iżjed minn oħrajn jista' jitqarraq. Imma nħalluna minn dana kollu: nagħmlu illi aħna ninsabu qalb it-tieba, u fost in-nies sewwa. Iżda meta naraw nies oħra, u mad-dinja kollha, u sa f'qiegħ il-lvant ġewwa ċ-Ċina kullimkien jafu l-kitba, nistgħu aħna nagħmlu rwieħna mingħajru u illi nibqgħu sajmin minnu, u fid-dlamijiet tal-imbikkmin tal-imtarrxin, u tal-għomi,[9] li ma jitkellmux, li ma jisimgħux, u li ma jarawx? Le: ma jixirqilniex dana billi nibqgħu wara[10] iżjed, u jeħtiġilna nħawtlu[11] u ngħaġġlu f'din il-ħaġa, biex nirbħu r-reħu li rħejna[12] s'issa, u nilħqu mal-oħrajn.

---

[4] **Ġie waqt**, Ġieli
[5] **jiġġiera** (VI *ġ-r-j*), jiġġerra 'l hawn u 'l hemm
[6] **żewwiel**, raġel imwarrab minn kulħadd
[7] **malli**, barra milli
[8] **filli**, billi
[9] **għomi**, għomja
[10] **nibqgħu wara**, nibqgħu lura
[11] **nħawtlu**, nħabirku
[12] **r-reħu li rħejna**, it-telqa li ħallietna lura

Iżda ktibna[13] mill-ewwel għandu jkun bi lsienna, biex nirbħu ż-żmien li tlifna: ladarba, malli taqra u tikteb bi lsienek tħossok minnufih tithenna, u bħallikieku tistenbaħ, billi tiftaħ għajnejk u tara dawl ġdid, dinja oħra, u hemma mbagħad tagħraf x'qiegħed tgħid u x'qiegħed tagħmel, u ssib illi minnek waħdek tkun tikteb fehmietek b'idejk, tarahom b'għajnejk, u taqra b'fommok kulma jiktbulek oħrajn; għaliex, billi jkun miktub bil-lsien li twelidt u trabbejt minn tfulitek u mis-sebħ ta' għomrok, issibek fid-dawl, fejn tara u tilmaħ tajjeb, tifhem u ttiegħem, u tista' tixtarr kollox minnufih u minnek innifsek.

U mnejn sa fejn, jew il-għaliex, ma għandniex niktbu bħal oħrajn? Il-Għarbi bil-Għarbi jikteb, bit-Taljan it-Taljan, u sal-iswed li jinsab ġewwa l-qalba tal-Afrika, mnejn qatt ma ħareġ, u la qatt ra dinj'oħra: iżda jaqra u jikteb bi lsienu. U min kien dak l-iblah, u hekk nieqes mill-għaqal, bniedem imberfel,[14] li ġagħal lil missirijietna taż-żmien, illi bejniethom ma jiktbux bil-lsien li fih twieldu, u bih jiftiehmu? Min webbilhom dana? Ried illi jagħmlu dak li ma jiġix minnu, u qarraq bihom. Taqriqa kienet li ġabet 'il wisq minna fid-dlamijiet u fil-bluha, li hi l-agħar ħaġa li tinsab fid-dinja: għaliex il-bluha hija l-ħtija ta' kull qerq, u ta' kull deni li fihom iġġib il-bnedmin. Iżda bnadijiet oħra ma humiex hekk. Barra minn hawna kull fejn rajt, u kull fejn dort, ħdax-il sena fl-Italja, u dsatax f'wisq bliet, gżejjer, u artijiet oħra, sibt ir-rgħajja, il-ħarrata,[15] il-għażżiqin,[16] il-bdiewa, il-ħaddimin, u n-nies tas-snajja' kollha, sibthom jafu jaqraw u jiktbu kulħadd bil-lsien ta' pajjiżu. Ilkoll tarahom bil-kotba f'idejhom fil-knejjes, fir-rbugħa,[17] qalb l-imrieħel, fil-bliet, fir-rħajjel.[18] Hawn biss ma rajtx dana. Bnadi oħra mkien ma ltqajt ma' missirijiet li jgħidu 'l uliedhom: La titkellem[19] bil-lsien ta' fejn Alla ħalqek u wieldek;[20] iżda hawn rajt u smajt. Bnadi oħra l-ewwel bi lsienhom, u bih imbagħad ilsna oħra jitgħallmu; iżda hawna le, donna m'aħniex bħal nies oħra. U x'jedd għandu t-Taljan iżjed minn ilsna oħra? Iżda tgħiduli ma kellniex min jagħtina d-dawl, u min jgħallimna. Tabilħaqq.

---

[13] **ktibna**, il-kitba (*ktib*) tagħna
[14] **imberfel**, mhux f'sensih
[15] **ħarrata**, dawk li jaħartu
[16] **għażżiqin**, dawk li jagħżqu
[17] **rbugħa** (pl. ta' *raba'*)
[18] **rħajjel** (pl. ta' *raħal*)
[19] **La titkellem**, Titkellimx

Immela issa illi għandna l-kif[21] u biex[22] bid-dawl tat-tagħlim, issa illi nfetħet it-triq u hija watja lakemm ngħaddu minnha, ma noqogħdux iżjed nitħassbu x'għandna nagħmlu u anqas il-kif għandna niktbu. La tisimgħux iżjed, u lanqas biss tagħtu widen lejn it-tmarmir[23] u l-klimijiet tal-frugħa[24] ta' dawk il-boloh li rjushom iebsa u għajjurin ilaqalqu bil-marrara fi lsienhom jgħidu illi l-ħaġa għandha ssir xort'oħra, hekk qatt ma kienet: iżda mbagħad billi huma bla ħila ma jafux il-kif, u dana l-anqas ħsieb li għandhom. U malli[25] ma tagħtux widen, ħollu idejkom, iktbu għall-ewwel kif tistgħu, u bil-ftit il-ftit tibqgħu sa ma kollox jiġikom sewwa, u tidraw u ddarru. La taqtgħux qlubkom. Il-ħrara tagħkom jekk tegħleb il-bluha ta' xi wħud li jberrdukom fuq dana jew ifittxu jneħħulkom il-ħrara, hija nfisha tirbaħ it-tmerijiet[26] kollha li ħerġin mill-mard ta' qlubhom.

Aktar minn erbgħin sena ili illi ħsibt, tħabatt u ħdimt fuq din il-ħaġa biex insewwiha, u nagħmel illi l-kitba tagħna tkun tista' ssir ħielsa bi lsienna u magħrufa; iżda t-toroq kollha kienu magħluqa. Oħrajn qabli kienu ħasbu u riedu jagħmlu dana; għax kienu raw bħali illi jinħtieġ. Huma għarfu minn qabli t-tbatija l-kbira li nbatu f'Malta sabiex nitgħallmu; illi t-tħabit[27] bejn in-nies kollu jiġi minn dan in-nuqqas; illi tagħlimna bil-maqlub, illi mkien bħalna, kulħadd fid-dinja jibda jaqra u jikteb bi lsienu, u aħna ndumu s-snin il-kbar nitgħakirku[28] bla fejda, u ftit imbagħad huma fostna li joħorġu, u bosta wisq iżjed jibqgħu ma jafu xejn, u bla ebda qari. Dak li ma jiftiehemx jintesa. Dana kollu niggeż lill-għorrief tagħna fl-imgħoddi; imma billi ma setgħu qatt jagħmlu l-ewwel triq, malli bdew u ma nifdux, kellhom iħallu minn dik is-siegħa li raw li ma kellhom dawl u ħila biżżejjed. Iżda l-ħajra u t-tħawtil tagħhom, jekk għalihom sar batal,[29] it-telfien taż-żmien u t-tbatija

---

[20] **wieldek** (III *w-l-d*), ġabek fid-dinja
[21] **l-kif**, il-metodu
[22] **biex**, l-għodda
[23] **tmarmir**, tgemgim
[24] **klimijiet tal-frugħa**, ħafna diskors vojt
[25] **malli**, barra milli
[26] **it-tmerijiet**, l-oppożizzjonijiet
[27] **tħabit** (VI nom verbali), nuqqas ta' ftehim, konflitti
[28] **nitgħakirku**, nimxu bil-mod wisq, inqattru
[29] **sar batal**, inħela fix-xejn

l-kbira qanqluni, ħajruni u wettaqli l-ħrara ta’ qalbi biex nagħmel dmiri kollu u nsib it-tarf ta’ din il-ħaġa hekk meħtieġa. Imbagħad bil-għajnuna t’Alla l-għażiż meddejt idejja, u għall-ewwel bħal agħma u bit-teftif fost iċ-ċpar u d-dlam, u b’naqra ta’ dawl li kelli, ftaħt it-triq, u qalqajla[30] għaddejt ’il quddiem sa ma sebaħli, u sibt ruħi fuq ir-riħ. Minn dak iż-żmien ħdimt, ktibt, u rajt u ħejjejtilkom il-mogħdija miftuħa beraħ, li għaliha qiegħed nistedinkom.

[30] **qalqajla**, bil-mod il-mod